**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 8 ta' Novembru, 2023**

Rikors Ġuramentat Numru: 152/22/2 AL

*Fl-ismijiet*:

**A B pro et noe**
**Vs**

**C B**

**M.R. nru. 1223/2006**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors tal-attriċi A B datat 6 ta' Marzu, 2023, li permezz tiegħu ppremettiet:

*Illi l-partijiet iżżewġu fil-15 ta' Lulju 2006, u għandhom tlett itfal, triplets, li għandhom 10 snin.*

*Illi l-esponenti flimkien mal-ulied kienu kostretti joħorgu mid-dar taż-żwieġ minħabba fi vjolenza min-naħa tal-intimat, u qed jabitaw temporanjament fid-dar tal-ġenituri tagħha.*

*Illi l-esponenti għamlet sforzi kbar biex tasal f'arranġament bonarju mal-intimat ghal separazzjoni bonarja, pero' jidher li l-intimat għandu interess li ttawwal il-proċeduri.*

*Illi l-esponent hija impjegata mal-Gvern bħala għalliema, u l-qligħ taghha huwa limitat għall-paga li tirċievi mingħand l-Istat*

*Illi l-intimat jaħdem bħala salesman, b'salarju bażiku u qligħ inġenti minn commissions; oltre dan, huwa jagħmel xogħol għal rasu b'negozju ta' antikitajiet.*

*Illi sal-lum, għalkemm l-intimat b'għazla tiegħu jara lit-tfal biss għal ftit siegħat darba f'ġimgħa, għadu mhux iħallas manteniment kull xahar għall-bżonnijiet tagħhom u jikkontribwixxi biss nofs l-ispejjeż li l-esponenti jkollha x'turi dwarhom bir-riċevuti appożiti,*

*Illi l-intimat mhux talli mhux jopponi ruhu għat-talba tal-esponent għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, imma addirittura din it-talba qed jagħmilha huwa wkoll in linea ta' rikonvenzjoni.*

*Illi l-partijiet għandhom beni immobbli komuni, u dejn komuni li jhallsuh nofs bin-nofs mill-paga rispettiva taghhom.*

*Illi huwa għalhekk ċar li l-intimat m'hu se jbati ebda preġudizzju bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda*

*Għaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett li din il-Qorti jogħġobha, fit-termini tal-art. 55(1) tal- Kodici Civili, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejnha u l-intimat;*

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Marzu, 2023, fejn ordnat li l-konvenut jiġi notifikat bir-rikors tal-attriċi b'terminu ta' ħamest ijiem għar-risposta;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fid-19 ta' Mejju, 2023 ma ppreżentax risposta;

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-llum;

**IKKUNSIDRAT**

Illi għalhekk permezz tar-rikors tagħha l-attriċi talbet lill-Qorti sabiex *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili[1], tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Azzopardi.

Ir-rikorrenti tispjega illi hija għandha interess li din il-Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet. Issostni illi t-talba tagħha bl-ebda mod m'hija ser tippreġudika lill-konvenut, li in linea rikonvenzjonali qed jagħmel din it-talba hu wkoll.

Rat illi l-konvnenut minkejja li ġie debitament notifikat[2] bir-rikors tar-rikorrent, ma ppreżentax risposta;

Rat illi r-rikors ġie mħolli għas-sentenza għas-seduta odjerna;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex, qabel ma tingħata s-sentenza finali ta' separazzjoni personali, tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Azzopardi u dana *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti tisħaq li m'hemm xejn xi jwaqqaf lil din il-Qorti milli tilqa` din it-talba tagħha u dan stante li ħadd mill-partijiet m'hu ser ibati preġudizzju bil-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Min-naħa tiegħu, l-konvenut kellu kull fakolta' illi jressaq risposta entro t-terminu stabbilit minn din il-Qorti fejn jelenka l-oġġezzjonijiet tiegħu u di piu' jeżebixxi kull prova neċessarja sabiex jikkorrabora l-allegat preġudizzju sproporzjonat. Madanakollu, l-konvenut naqas milli jagħmel dan u b'hekk f'għajnejn din il-Qorti ma jidhirx li hemm oġġezzjoni għat-talba kif dedotta mill-attriċi.

---

[1] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[2] Fol 5

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta` sabiex f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata. L-Artiklu 55(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ighid hekk:-

***"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Il-Qorti trid neċessarjament, qabel ma tgħaddi għas-sentenza, tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta illi jghid:

***"(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Bħala regola allura, il-Qorti għandha xxolji l-istess komunjoni tal-akkwisti, salv għal dawk il-każijiet eċċezzjonali fejn jiġi sodisfaċentement ippruvat illi l-waqfien ser iġib miegħu preġudizzju mhux proporzjonat lil xi parti jew l-oħra.

Fil-każ odjern, l-attriċi tiddikjara minn jeddha li ħadd mill-partijiet mhu ser ibati ebda preġudizzju, fil-waqt illi l-konvenut, debitament innotifikat ma ppreżenta l-ebda oġġezzjoni għat-talba tal-attriċi jew ressaq għall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti xi lment ta' preġudizzju li ser ikun lilu kkawżat; In vista ta' dan, il-Qorti ma tarax li xi parti tista' tbati xi preġudizzju bil-waqfien tal-komunjoni eżistenti bejniethom.

Il-Qorti m'hi qed tara l-ebda ħtieġa li l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet tibqa' in vigore millum 'il quddiem. Għall-kuntrarju, huwa fl-interess taż-żewġ partijiet illi ma jgħabbux il-komunjoni bi djun mingħajr il-konsapevolezza tal-parti l-oħra. Kif stqarret l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża Daniela Mizzi vs. Duncan Peter Mizzi[3], it-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser iġib benefiċċju inkwantu jevita li xi parti jew oħra tagħmel xi dejn li 'l quddiem ikun jista' jiġi imputat lill-komunjoni.

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-28 ta' Marzu 2014 (Appell Ċivili Numru. 257/2011/1)

Il-Qorti tara li fiċ-ċirkustanzi, u tenut kont tan-nuqqas ta' dikjarazzoni ta' oġġezzjoni għat-talba kif dedotta u provi dwar kwalunkwe preġudizzju sproporzjonat li jista' jiġa soffert, il-Qorti tara li t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju ser tkun ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet. Konsegwentement, il-Qorti ma tarax għalfejn m'għandhiex tiddikjara l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet f'dan l-istadju.

Jibqgħu impreġudikati l-pretensjonijiet reċiproċi tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin mertu tal-kawża tas-separazzjoni.

**DEĊIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tal-attriċi, hekk kif dedotta fir-rikors tagħha datat 6 ta' Marzu, 2023, u konsegwentement *ai termini* tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Azzopardi u dana b'effett mill-jum illi din is-sentenza tgħaddi in ġudikat. Għal kull buon fini, il-Qorti tiddikjara illi r-reġim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet mill-istess data, huwa dak tas-separazzjoni tal-assi. Tordna ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiż 5 tal-Kodiċi Ċivili.

Bl-ispejjeż dwar din is-sentenza *in parte* jiġu deċiżi mas-sentenza finali.